**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 30 ta' Jannar 2023**

**Rikors Guramentat Numru : 291/2019 JPG**
**Kawza Numru : 21**

**MRM**
**Vs**
**MM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MM datat 31 ta' Dicembru 2019*, a fol 1 et seqq.,* li jaqra hekk:

1. *Illi b'rikors gurament fl-ismijiet premessi, MRM ppremettiet li:*

*(i) hija u l-esponent izzewwgu fl-4 ta' Dicembru, 1980, u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, li t-tnejn ghalqu t-tmintax-il sena;*
*(ii) li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju, vjolenza fizika u morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront taghha u ghalhekk giet reza impossibbli l-hajja konjugali bejniethom; u*
*(iii) li l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali.*

*L-attrici ghalhekk talbet lill-Qorti sabiex:*

*(i) tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza fizika u morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi li l-intimat ikkometta*

*kontra martu.*

(ii) *Tiffissa sommma adegwata ghall-manteniment tar-rikorrenti u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti.*

(iii) *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment.*

(iv) *Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat;*

(v) *Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti.*

(vi) *Tiddikjara li r-rikorrenti ghandha d-dritt li tirrisjedi fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-intimat.*

(vii) *Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonjiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.*

2. *Illi bir-Risposta Guramentata tieghu l-esponent eccepixxa:*

(i) *Li huwa jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu izda minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi kontrih minn martu u minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment.*

(ii) *Li huwa jichad it-tortijiet lilu addebitati bir-rikors gurament premess.*

(iii) *Ghalhekk l-ewwel talba attrici in kwantu qed taddebita tortijiet lilu ghandha tigi michuda u s-separazzjoni tigi ppronunzjata a bazi ta' tortijiet addebitati lill-attrici.*

(iv) *Li t-tieni talba attrici hija wkoll infondata u ghandha tigi michuda stante li martu hija kapaci ghax-xoghol u inoltre ghandha tikkomina fit-telf ta' kull dritt li jista' jkollha ghall-manteniment.*

(v) *Li t-tielet talba attrici ukoll ghandha tigi michuda stante li kontra l-esponent m'ghandhomx jigu applikati ebda sanzjonijiet jew dekadenza.*

(vi) *Li hemm qbil li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jigu likwidati izda martu ghandha terfa' s-sehem indiviz mid-dejn kollu u fil-formazzjoni tal-porzjoniijiet wara li jithallas id-dejn ghandhom jithallsu lill-esponent il-krediti parafernali tieghu li jirrizultaw kif ukoll nofs il-hlasijiet minnu maghmula fuq id-dejn tal-komunjoni minn data li fiha bdew il-proceduri ta' medjazzjoni. Inoltre ghandha tigi stabbilita data li minnha 'l quddiem titqies*

*li tkun tilfet kull dritt ghall-akkwisti maghmula minnu.*

(vii) *Li l-hames talba attrici ghandha tigi michuda stante li martu m'ghandha ebda beni parafernali.*

(viii) *Li s-sitt talba attrici ghandha tigi michuda stante li m'hemm ebda raguni ghaliex l-attrici ghandha ikollha dritt fuq id-dar matrimonjali li hija proprjeta' tal-konjugi indaqs u indivizament bejniethom.*

(ix) *Li s-seba' talba attrici ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.*

3. *Illi b'sentenza datata 17 ta' April, 2013, din il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-kawza odjerna ttigi konvertita ghal kawza ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Illi b'sentenza in parte datata 15 ta' Novembru, 2017, din il-Qorti tterminat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti b'effett immedjat.*

5. *Illi b'sentenza tat-8 ta' Ottubru 2019 din il-Qorti iddecidiet il-kawza billi:*

(i) *Laqghet l-ewwel talba u ddikjarat li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizi, ingurji u offici gravi;*

(ii) *Laqghet it-tieni talba u ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €600 kull erba' gimghat, flimkien mal-arretrati tal-manteniment msemmija fl-istess sentenza;*

(iii) *Laqghet t-tielet talba in vista tal-adulterju kommess;*

(iv) *Laqghet is-seba' talba u nnominat lin-Nutar Dr. Clinton Bellizzi u l-kuraturi tat-turn, sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

(v) *Laqghet il-hames talba skond il-likwidazzjoni kif tirrizulta mill-istess sentenza u assenjata kif hemm indikat;*

(vi) *Laqghet is-sitt talba ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess sentenza; u*

(vii) *Laqghet is-seba' talba;*

6. *Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u jidhirlu li hemm ragunijiet li jaghtu lok ghar-ritrattazzjoni taghha a bazi ta' l-Artikoli 811 (a) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif spjegat hawn taht.*

7. *Oltre l-fatti li jirrizultaw mis-sentenza ritrattata li kopja taghha qeghda tigi mehmuza ma dan ir-rikors guramentat, l-esponent jaghmel riferenza ghas-segwenti:*

8. *Illi fil-21 ta' Novembru 2019 l-esponent sar jaf li l-kawza dwar il-firda bejn il-kontendenti fl-ismijiet premessi MRM vs MM (Rik. Gur. Nru. 34/2008AGV) giet deciza b'sentenza ta' din il-Qorrti tat-8 ta' Ottubru 2019.*

9. *Illi din is-sentenza ittiehdet bil-qerq tal-attrici bi hsara tal-esponent. L-esponent u l-attrici kienu ilhom madwar sena u nofs jinnegozjaw ftehim ta' separazzjoni bl-intiza li jittransigu din il-kawza, u jevitaw sentenza. Fit-28 ta' Mejju 2019, l-esponent u martu kienu ftiehmu kwazi fuq kollox u kien jonqoshom biss isolvu kwistjoni wahda b' €20,000 differenza bejniethom. Tenut kont tal-kwistjonijiet kollha nvoluti, din kienet relattivament wahda minuri.*

10. *Illi t-tul li hadu t-trattativi kien inevitabbli minhabba li l-kawza kienet tinvolvi diversi proprjetajiet, u dejn qawwi favur il-Bank of Valletta plc.*

11. *Illi kif mill-verbali tas-seduti mizmuma f'din il-kawza qabel giet differita ghas-sentenza, jirrizulta s-segwenti:*

| *Seduta* | *X'gara* |
|---|---|
| *11 ta' Ottubru 2018* | *Dehru l-avukati tal-kontendenti li nfurmaw lill-Qorti bil-possibilita' ta' transazzjoni, u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghal aktar informazzjoni.* |
| *29 ta' Novembru 2018* | *L-attrici nfurmat lill-Qorti li l-possibilita' ta' transazzjoni kienet ghadha tezisti, u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-probabbli cessjoni. Il-Qorti ordnat komunika lill-avukat Dr. Alessandro Lia.* |

| | |
|---|---|
| *12 ta' Frar 2019* | *L-attrici stess regghet infurmat lill-Qorti li t-trattattivi kienu ghadhom ghaddejjin, u li t-transazzjoni kienet ghadha possibli. Dakinhar, ghalkemm mhux verbalizzat, l-avukat Alessandro Lia ghall-esponent deher quddiem il-Qorti wara s-smigh tal-kawza, u informaha li t-trattativi kienu avvanzati hafna u li kien hemm probabilita' tajba ta' transazzjoni.* |
| *26 ta' Marzu 2019* | *L-attrici kkonfermat li s-sitwazzjoni kienet ghadha l-istess, u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-probabbli cessjoni.* |
| *28 ta' Mejju 2019* | *Il-Qorti, minghajr ebda komunika, u minkejja li mill-verbal ma tirrizulta ebda talba da parti tal-attrici jew l-avukat taghha sabiex il-kawza tigi deciza, il-Qorti ghalqet l-istadju tal-provi tal-esponent, u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-8 ta' Ottubru 2019 fid-*9:00am. |

12. *Illi, mill-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Mejju 2019, minkejja li l-attrici kienet prezenti, din naqset li tinforma lill-Qorti li kienet ghadha ghaddejja bit-trattativi mal-esponent u li dawn it-trattativi kien waslu fi stadju avvanzat hafna tant li kien fadal biss kwistjoni wahda, relattivament zghira, x'tigi rizolta.*

13. *Illi aghar minn hekk, minkejja li l-attrici kienet taf li l-kawza giet differita ghas-sentenza, bla ma wriet xejn lill-esponent, baqghet ghaddejja bin-negozjati bl-istess mod bhal qabel daqs li kieku ma gara xejn. Apposta baqghet qatt ma semmiet din il-kawza issa kienet differita ghas-sentenza. It-trattativi komplew anke wara li kienet deciza sakemm ghadda t-terminu ta' l-appell. L-esponent baqa' jinnegozja maghha in buona fede, bil-ghan li l-kwistjonijiet kollha jkunu transatti. L-esponent u l-attrici, permezz tal-avukati taghhom, baqghu ghaddejjin bil-korrispondenza u t-trattativi, qisu ma gara xejn, liema trattativi kienu jinvolvu wkoll komunikazzjonijiet mal-Bank of Valletta. L-esponent qed*

*jannetti ma' dan ir-rikors diversi komunikazzjonijiet li saru bejn il-kontendenti u/jew l-avukati taghhom.*

14. *Illi minn dan jirrizulta car li l-attrici b'malizja qarrqet b'din il-Qorti meta naqset li tinfurmaha bl-istadju avvanzat tat-trattativi bejnha u l-esponent, u li t-transazzjoni kienet prattikament maghluqa. L-attrici mbaghad kompliet bir-raggiri u l-qerq taghha mal-esponent billi baqghet ghaddejja bit-trattativi mieghu, b'mod regolari, meta kienet taf li l-kawza kienet differita ghas-sentenza, u mbaghad kienet deciza, bl-iskop ovvju li l-esponent ma jindunax u ma jintervjenix, lanqas fl-istadju li seta' jintavola appell.*

15. *Illi ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi a bazi ta' l-Artikolu 811(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, wara li din il-Qorti thassar is-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 2019.*

16. *Illi inoltre, is-sentenza fl-ismijiet premessi, senjatament fir-rigward tal-kap dwar il-likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, kienet l-effett ta' zball li ma jirrizultax mill-atti jew li huwa posittivament eskluz.*

17. *Illi jidher li l-Qorti mmotivat parti mis-sentenza taghha proprju fuq parti minn l-intendiment u transazzjoni proposta bejn il-partijiet, meta qalet li "Mill-atti tal-process jirrizulta li l-partijiet kienu qablu li l-attrici tigi assenjata d-dar matrimonjali fuq imsemmija, bil-garaxx anness, filwaqt li l-konvenut izomm il-fond fuq imsemmi fil-Gzira."*

18. *Illi fil-verita' pero dan il-ftehim qatt ma ntlahaq ghaliex kien jifforma parti minn ftehim akbar li kien jinkludi diversi punti ohra, fosthom per ezempju, li ma jithallas ebda manteniment mill-esponent. Ghalhekk mhux korrett li jinghad li kien hemm ftehim li jirrizulta mill-atti processwali. Ghall-kuntrarju mill-atti jirrizulta li kien hemm proposti ghal ftehim wiesa l-intendiment, jew proposta, ma jirrizulta mkien mill-atti processwali u ghalhekk is-sentenza fiha zball li jirrizulta mill-atti tal-kawza.*

19. *Zball iehor li jidher mill-atti huwa li fil-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni, l-Qorti qieset li l-garaxx ta' Triq San Mikiel San Giljan, kien jesa ghaxar karozzi, meta mir-rapporti taz-zewg periti fl-atti tal-kawza jirrizulta li dan jesa' biss zewg karozzi, bil-konsegwenza li l-valur tieghu huwa ferm differenti minn dak li kalkolat il-Qorti fil-likwidazzjoni taghha.*

20. *Inoltre wkoll kienet zbaljata l-Qorti meta qalet li d-debiti kienu kwazi saldati, meta fir-rejalta' id-dejn li ghadu dovut jeccedi t-tlett mitt elef Ewro (€300,000) b'implikazzjonijiet cari fuq il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni effettwati mill-Qorti.*

21. *Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru 2019 ghalhekk zbaljat meta qieset li tezisti xi prova dwar it-transazzjoni tal-partijiet, u aktar u aktar meta applikat xi parti minnha (b'eskluzjoni ta' partijiet ohra) meta din ma tirrizultax. Dan ukoll fid-dawl li l-kap tas-sentenza dwar il-likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet huwa kap determinanti ghat-tfassil tal-bqija tal-sentenza.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' dan ir-Rikors Guramentat, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(i) Thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet MRM vs MM (Rik. Gur. Nru. 34/2008) li biha laqghet it-talbiet attrici kif fuq spjegat; u konsegwentement*

*(ii) Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza dawk ir-ragunijiet fuq indikati, u dan a bazi tal-Art. 811(a) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ; u*

*(iii) Konsegwentement tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' MRM ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kwalsijasi dritt ta' azzjoni spettanti lill-esponent skond il-ligi, inkluz ghal lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu inkluz ghal smigh xieraq.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi r-risposta tal-intimata *a fol 68 et seq* datata 5 ta' Mejju 2020*:*

1. *Illi t-talbiet tar-ritrattand ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi ai termini tal-Artikolu 811 (a) u (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu michuda stante illi s-sentenza li r-ritrattand qieghed jittenta jimpunja m'hijiex vizzjata la minhabba qerq da parti tal-esponenti u lanqas m'hija effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza hekk kif qieghed jigi allegat mir-ritrattand;*

2. *Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi r-ritrattazzjoni m'hijiex proponibbli ghaliex ma sarx appell mid-decizjoni tat-8 t'Ottubru 2019. Il-Qrati taghna dejjem irretenew illi l-principji kardinali f'materja ta' ritrattazzjoni huma s-segwenti i) ir-rimedju konsentit minn dan l-istitut huwa* ***ta' natura straordinarja****; ii)regolat minn* **interpretazzjoni strettissima** *u iii) "non suscettibile di una estensiva ma della sola letterale." (Vide Alfred Bugeja vs Carmela Muscat u Antoinette Said deciza fit-2 t'Ottubru 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri 20/2008AE). Ritrattazzjoni mhijiex possibbli meta s-sentenza setghet, kif inhu l-kaz odjern tigi mpunjata permezz ta' procedura ordinarja tal-appell. Ir-ritrattand ma jsemmix ir-raguni 'l ghala huwa ghazel li jhalli l-20 jum jghaddi u ma jintavolax l-Appell jekk huwa hass ruhu aggravat minn din is-sentenza. Ir-ritrattand fit-tmien paragrafu tar-rikors odjern kull ma jghid huwa illi* ***huwa sar jaf bis-sentenza fil-21 ta' Novembru 2019 kwazi seba' gimghat wara li nghatat is-sentenza*** *minghajr ma jispjega r-ragunijiet l' ghaliex huwa ma attendiex ghas-seduti, ma weriex interess fl-andament tal-kawza ghal sena shiha, ma segwix il-verbali tal-Qorti li illum huma facilment accessibbli ghall-pubbliku 'online' – hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti illi huwa ma jistax imbaghad jintavola l-procedura ta' ritrattazzjoni u jippretendi illi t-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza tigi milqugha u jigi ppremjat tal-agir traskurat tieghu!*

3. *Illi l-esponenti sejra tghaddi sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha fir-rigward tad-disposizzjonijiet li a bazi taghhom ir-ritrattand qieghed jimpunja s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti:*

**a. *Dwar l-Artikolu 811 (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta***

*"jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra"*

*Fid-disa' paragrafu r-ritrattand jiddikjara illi din is-sentenza ttiehdet b'qerq tal-esponenti bi hsara tar-ritrattand u dan skond hu ghaliex ghal xi zmien matul il-kawza l-partijiet kienu qeghdin jippruvaw jaslu ghal ftehim barra mill-Qorti u li kull ma kien ghad fadal kienet biss differenza ta' €20,000 x'tigi sorvolata.*

*Jinghad illi huwa minnu, bhal diversi kazijiet ohra ta' separazzjoni illi l-partijiet (tramite l-Avukati rispettivi taghhom) kienu qeghdin jippruvaw jasslu ghal ftehim u dan ma kienx biss f'dawn l-ahhar sena u nofs (hekk kif qieghed jiddikjara r-rikorrent) izda matul it-tnax il-sena shah tal-kawza fejn kienu involuti diversi avukati li kienu jippatrocinaw lir-ritrattand – l-esponenti dejjem ippruvat tasal ghal ftehim bonarju pero' qatt ma' kien hemm ezitu pozittiv daqqa minhabba kwistjoni u daqqa minhabba kwistjoni ohra – l-uniku ftehim li sar kien mal-Bank of Valletta p.l.c. stante illi l-partijiet ftehmu fuq lista ta' proprjetajiet li ghandhom jghaddu lill-bank bhala datio in solutum sabiex jissaldaw id-dejn li kompla jakkumula minhabba l-inadempjenza tar-ritrattand. Ftehim finali dwar kif ghandhom jinqassmu il-kumplament tal-proprjetajiet qatt ma intlahaq u ghalhekk wara li l-esponenti kienet ezawriet il-possibilitajiet kollha sabiex tasal ghal ftehim halliet f'idejn il-Qorti sabiex taghmel il-likwidazzjoni u divizjoni hi. Kwalunkwe negozjati li jsiru matul il-process ta' separazzjoni dejjem jsiru "Minghajr Pregudizzju" u m'ghandux imbaghad jigu interpretati minn parti bhala "qerq" f'kaz illi tali negozjati jfallu hekk kif gara fil-kaz odjern. Dan ir-ragunament ma' jaghmilx sens legalment u l-fatt illi l-kawza thalliet ghas-sentenza m'ghandux jitqies bhala qerq da parti tal-esponenti infatti hekk kif jiddikjara r-ritrattand*

*stess f'paragrafu 11 (verbal tat-28 ta' Mejju 2019 – "minkejja li mill-verbal ma tirrizulta ebda talba da parti tal-attrici jew l-avukat taghha sabiex il-kawza tigi deciza, il-Qorti ghalqet l-istadju tal-provi tal-esponent u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza." Illi r-ritrattand f'paragrafu 12 jaghti tort lill-esponenti ghaliex skond hu naqset milli tinforma lill-Qorti illi kienu ghaddejjin bit-trattattivi ghal separazzjoni bonarja – dan ma kienx minnu – it-trattattivi kienu gew terminati minghajr ezitu pozittiv (u dan jirrizulta b'mod l-aktar ampju u car mill-korrispondenza li gietipprezentata mir-ritrattant stess) li kieku kienu finalizzati kieku gie mhejji abbozz u pprezentat ghall-awtorizazzjoni tal-Qorti – fi tnax-il sena dan baqa' ma sarx ghaliex r-ritrattand dejjem sab fuq xiex joggezzjona u jkompli jtawwal il-process. Kieku l-pendenza li kien fadal kienet "relattivament zghira" kieku il-ftehim kien jigi ffinalizzat – ta' min jsemmi din ix-xi haga zghira fiex kienet tikkonsisti – ossija l-arja tad-dar matrimonjali li giet valutata ghall-prezz ta' 20,000 ewro li r-ritrattand baqa' jinsisti li jrid jigi assenjat l-arja tal-proprjeta' li kienet ser tigi assenjata lill-esponenti u ghalkemm l-esponenti offriet li thallsu l-valur tal-arja ossija l-ammont ta' 20,000 ewro huwa xorta baqa' jinsisti li jrid li jigi assenjat l-arja u irrifjuta kwalunkwe tip ta' hlas – f'dak l-istadju l-esponenti kkonvinciet ruhha illi r-ritrattant mhux veru xtaq jasal ghal separazzjoni bonarja izda ried li jkompli jibqa' jikkontrollalha hajjitha !*

*Illi li ma jsemmix fir-rikors odjern huma s-segwenti fatti:*

1) *Illi matul dawn il-proceduri huwa biddel l-Avukat tieghu erba' darbiet;*
2) *Illi kull darba li biddel l-Avukat tieghu huwa dejjem talab zmien sabiex jittransigi l-kawza u dejjem talab zmien sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu u sabiex jressaq il-provi tieghu u kull ma' saru 'da parte' tieghu kienu l-kontro-ezami tal-esponenti u ta' xi xhieda prodotti minnha.*
3) *Illi l-esponenti iddikjarat illi hija ghalqet il-provi taghha fit-28 ta' Marzu 2012;*
4) *Illi r-ritrattand kien ilu ma jattendi l-Qorti ghall-ahhar sena qabel ma nghatat is-sentenza fit-8 ta' Ottubru 2019, ossija huwa ma deherx ghas-segwenti seduti:*

a. *29 ta' Novembru 2018 (la r-ritrattand u lanqas l-Avukat tieghu ma dehru izda kien hemm komunika lill-Avukat Dr. Alessandro Lia) –* ***il-Qorti halliet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-probabbli cessjoni bl-intiza illi jekk sa dakinhar it-transazzjoni ma sehhx il-Qorti tghaddi ghas****-sentenza fuq il-provi migbura (kopja tal-verbal hawn anness* ***Dok. A****)*
b. *12 ta' Frar 2019 (la r-ritrattand u lanqas l-Avukat tieghu ma dehru) – differita ghall-iskop tal-verbal precedenti tad-29 ta' Novembru 2018 – kopja tal-verbal hawn anness* ***Dok. B****),*
c. *26 ta' Marzu 2019 (la r-ritrattand u lanqas l-Avukat tieghu ma dehru) – kopja tal-verbal hawn anness* ***Dok. C****),*
d. *28 ta' Mejju 2019 (la r-ritrattand u lanqas l-Avukat tieghu ma dehru u l-kawza giet differita ghas-sentenza) – kopja tal-verbal hawn anness* ***Dok. D****), ir-ritrattand qieghed donnu jilmenta li ma saritlux komunika –kien l-obbligu tieghu u tar-rapprezentant legali tieghu illi jsegwu l-andament tal-kawza u mhux jippretendu illi jigu informati mill-esponenti jew mill-Avukat taghha hekk kif qieghed jallega fir-rikors odjern u min fuq jallega illi l-attrici agixxiet b'qerq u malizja;*
e. *Illi minn qari tad-dokumenti hawn annessi ossija mill-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti jirrizulta illi r-ritrattand ma kienx totalment korrett f'dak li allega fir-*rikors *odjern specifikatament f'paragrafu 11.*

5) *Illi r-ritrattand mar kontra ordni tal-Qorti sabiex jhallas manteniment lill-esponenti martu u in fatti ghandu arretrati xi jhallas fl-ammont ta' cirka €39,673;*
6) *Illi r-ritrattand gie zgumbrat mid-dar matrimonjali b'ordni ta' dina l-Qorti fit-23 ta' April 2008 u dan minhabba l-agir deplorevoli tieghu fil-konfront tal-esponenti.*

*Illi f'paragrafu 13 r-ritrattand jghid illi minkejja li l-esponenti kienet taf li l-kawza marret ghas-sentenza hija xorta baqghet tikkorrispondi fir-rigward tad-dejn dovut lill-Bank of Valletta p.l.c. – jinghad illi kwalunkwe ftehim sabiex jigi saldat id-dejn mal-Bank kien qieghed jsir separatament mill-ftehim dwar is-separazzjoni tal-partijiet.*

*Dan kien dejjem l-intendiment tar-ritrattand – u cjoe' illi d-dejn mal-bank jigi saldat sabiex ma jibqghux jakkumulaw l-imghaxxijiet mal-bank izda ftehim dwar is-separazzjoni qatt ma intlahaq. In-negozjati mal-bank fir-rigward tad-dejn ilu konkluz tant hu hekk illi fadal proprjeta' wahda li ghandha tghaddi f'idejn il-bank mini market li jinsab gewwa Rudolph Street, Sliema u two car garage li jinsab gewwa St. Michael Street gewwa San Giljan li l-Qorti assenjatu liz-zewg partijiet u in fatti l-Qorti ddecidiet illi f'kaz illi jkun fadal xi dejn mal-Bank dan l-ahhar garaxx ghandu jiehdu l-bank. Matul dawn il-proceduri kellhom jinbieghu diversi proprjetajiet sabiex jigi saldat id-dejn mal-Bank ossija hanut gewwa St. George's Road, St. Julians, garaxx bl-isem Silverhole, gewwa Moroni Street, Gzira u Panard Garage gewwa Moroni Street, Gzira u l-partijiet dejjem ftehmu dwar dan.*

*b.* **Dwar –Artikolu 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

*"jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża."*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.*

*Il-Qrati taghna kellhom l-opportunita' li jispjegaw x'jitqies bhala "zball" taht dan l-artikolu fis-sentenza "***Gourmet Company Limited et. vs Mariano Vella***" deciza fit-28 ta' April 2005 fejn inghad illi:*

*i)* *L-izball jrid ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;*

*ii)* *jrid ikun hemm zball li jkun jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, liema zball irid ikun wiehed manifest.*

*iii)* *Mhux kull zball ghandu jwassal necessarjament ghall-possibilita' ta' ritrattazzjoni ghax tali zball jehtieg li jkun wkoll iddetermina d-*

*decizjoni tal-gudikant, jigifieri li l-istess zball ikun ikkostitwixxa l-fundament ewlieni tas-sentenza. Ghalhekk, isegwi li ma jkunx hemm verament lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm possibilment vizzjata minn xi zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi xorta wahda sorretta b'ragunijiet ohra ndipendenti minn dik li tkun zbaljata.*

iv) *L-ezistenza o meno ta' fatt li fih manifestament ikun zbaljat il-gudikant ma jridx ikun punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u dibattut bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.*

*Il-ftehim dwar kif il-partijiet ghandhom jaqsmu bejniethom il-proprjetajiet kien jinsab fl-atti ghaliex kienet saret valutazzjoni tal-istess proprjetajiet u l-intendiment dejjem kien illi d-dar matrimonjali u kif ukoll il-garaxx jigu assenjati lill-esponenti filwaqt illi r-ritrattand jigi assenjat il-maisonette li jinsab il-Gzira fejn kien ilu jabita minn mindu gie zgumbrat – u ghalhekk il-Qorti m'ghamlet l-ebda zball dwar dan. Il-fatt illi l-Qorti indikat il-garaxx li jinsab fi Triq San Mikiel, San Giljan bhala garaxx li jesa' ghaxar karozzi meta fir-realta' dan jesa' zewg karozzi ma ghandux jwassal ghar-revoka tas-sentenza ghaliex il-valutazzjoni hija importanti u din tirrispekkja garaxx ta' zewg karozzi u mhux ta' ghaxar karozzi. Il-fatt illi fis-sentenza odjerna gie indikat illi d-dejn dovut lill-Bank of Valletta p.l.c. gie kwazi saldat m'ghandux lanqas jwassal ghar-revoka tas-sentenza ghaliex fil-fatt il-bank ghandu jiehu proprjeta' ohra li diga giet miftehma bejn il-partijiet u d-dejn jkun saldat liema proprjeta' ma gietx inkluza fid-divizjoni ghaliex kien fatt risaput illi din il-proprjeta' kellha tigi trasferita lill-bank u ghalhekk il-Qorti assenjat lill-partijiet ir-rimanenti proprjetajiet.*

*Fil-kaz odjern jidher car illi m'hemmx lok ghar-ritrattazzjoni taht l-Artikolu 811 (l) ghaliex kull m'huwa qieghed jitob ir-ritrattand huwa li l-Qorti terga' taghmel apprezzament tal-provi ghaliex fil-fehma tieghu l-Qorti wasslet ghal konkluzjoni zbaljata. Ezercizzju li certament ma jistax jsir fi proceduri ta' ritrattazzjoni.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti tissottometti li ma jezistux il-massimi li trid il-ligi ghar-ritrattazzjoni tal-kawza deciza b'sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet hawn fuq premessi fit-8 t'Ottubru 2019 u ghalhekk ir-rikors ta' ritrattazzjoni ghandu jigi michud, bl-ispejjez.*

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati Difensuri;

**Ikkonsidrat:**

**Dr Alessandro Lia prodott nhar it-12 ta' Novembru 2020 (vide 102 et seq)** spjega dak li kien gara fis-seduti antecedent ghall-ghoti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Illi fl-udjenza tat-28 ta' Mejju tas-sena 2019, u cioe erba' xhur qabel ma inghata is-sentenza, minghajr ma saret l-ebda kommunika lil Dr Lia, kuntrarjament ghal dak li gara f'okkazzjonijiet ohra, fejn fil-fehma tax-xhud lanqas kien hemm ghalfejn issir kommunika lilu, gie registrat illi t-transazzjoni ma sehhitx, il-Qorti ghalqet il-provi kollha tal-klijent tieghu u halliet il-kawza ghas-sentenza. Illi fl-interim ta' dan il-perjodu, kien hemm sensiela ta' korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet. Illi sahansitra f'korripsondenza circa xahar qabel l-ghoti tas-sentenza, meta l-attrici kienet taf li l-kawza kienet giet differita ghas-sentanza, kienu ghadhom ghaddejjin diskussjonijiet anke mal-bank u anke kien hemm korrispondenza bejn id-difensuri tal-partijiet sahanistra anke wara l-ghoti tas-sentenza, u cioe fil-perjodu fejn kien jinsab ghaddej il-perjodu tal-appell.

**In kontro-ezami** mistoqsi ghalfejn kien hemm sensiela ta' seduti fejn MM qatt ma deher, ix-xhud jindika illi huma dejjem fehmu illi in vista tal-fatt li kien hemm ghad ta' diskussjonijiet ghaddejjin, u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni illi d-diskussjonijiet ser jitwaqfu u li l-possibbilta ta' transasjoni mhux ser tibqa esplorata, kienet tmur il-kollega tieghu, filwaqt li hu baqa isegwi. Fil-verbali hemm indikat illi x-xhud kien jidher, anke wara l-hin tas-seduta pero kien hemm mumenti fejn ma kienx ilahhaq. Ix-xhud iddikjara li kien jidher flok MM anke peress li si tratta ta' ragel ta' sebghin sena u fejn kien jista, jevitalu li jitla' l-Qorti.

Mistoqsi ukoll rigward il-kwistjoni tal-ghoxrin elf, u l-kwistjoni li kien qajjem MM fir-rigward valutazzjoni tal-arja sovraposta ghad-dar matrimonjali, Dr Lia ma jaqbilx illi t-trattativi kienu waqfu fi Frar tas-sena 2019 ghaliex MM kien irrifjuta s-somma ta' ghoxrin elf da parti tal-attrici dak iz-zmien, ghax kien insista li jiehu l-arja tal-imsemmija proprjeta. Ix-xhud jispjega illi kien gie diskuss li hu sejjer iwassal lill-klijent tieghu biex jaccetta l-flus u sussegwentement kien gie komunikat lill-kollega li MM kien lest li jaccetta l-imsemmija somma fi flus kontanti. Gara pero' illi aktar tard kienu skoprew li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza u li giet deciza. Dr Lia sostna illi l-intiza kienet li hemm diskussjonijiet miftuha u bl-ebda mod ma inghataw x'jifhmu illi d-diskussjonijiet kienu definittivament maghluqa. Mistoqsi jekk kien hemm

impediment minn naha tax-xhud jew tal-klijent tieghu li jkun jaf li l-kawza giet deciza, ix-xhud jistqarr illi ma kien kemm l-ebda impediment fiziku. Izid illi ma kien gie intavolat ebda appell ghaliex fil-perkors tat-terminu tal-appell, kien ghad hemm l-intendiment illi d-diskussjonijiet ghadhom ghaddejin u ma kienx ghadu jaf bis-sentenza u ma saret l-ebda komunika la lilu u lanqas lill-klijent. Mistoqsi minn din il-Qorti meta giet accettata il-proposta li l-kijent tieghu jiehu l-ghoxrin elf bhala valura tal-arja, ix-xhud xehed illi m'ghandux record ta' meta grat. Jichad illi inbaghtu xi ittri wara li giet deciza l-kawza.

**MM xehed permezz ta' affidavit (vide fol 109 et seq)** u spjega illi l-kawza bdiet fis-sena 2008. Illi ghal habta tas-sena 2015 jew 2016 huwa kien qabbad lil Dr Alessandro Lia sabiex jassistih. Illi dak iz-zmien huwa kien diga pensjonant u ma kellu l-ebda tip ta'dhul hlief il-pensjoni u dhul minn hanut *confectionary* li kien ukoll licenzjat ibiegh ix-xorb li kien fih zewg metri bi tlieta fi Triq Manwel Dimech Sliema. Minnu jien jaghmel bejn ghaxart elef Ewro (EUR 10,000) u tlettax-il elf Ewro (EUR 13,000) fis-sena. Illi f'dak il-perjodu kien hemm digriet ghall-hlas ta' manteniment fl-ammont ta' tmien mija u ghoxrin Ewro (EUR 820) fix-xahar ghall-martu li jammontaw ghall-circa ghaxart elef Ewro (Eur 10,000) fis-sena. Illi l-avukat difensur tieghu kien talab tnaqqis tal-manteniment izda l-Qorti tal-Familja xorta wahda kienet ordnat manteniment relattivament gholi fl-ammont ta' sitt mija u ghaxar Ewro (Eur 610) fix-xahar u cioe sebat elef, tlett mija u ghoxrin Ewro (Eur 7,320) fis-sena. Illi hu ma kienx felah ihallas din is-somma u kien kwazi kwazi jippreferi imur il-habs ghaliex kienet qieghed isallab lil ibnu. Illi fis-sentenza, il-Qorti kienet zammet il-manteniment fis-somma ta' sitt mitt Ewro (Eur 600) fix-xahar. Illi mhuwiex minnu dak rilevat fis-sentenza illi hafna mill-propjetajiet inbieghu stante li baqa cirka seba' propjetajiet li ghadhom tal-partijiet minkejja li kien hu li hadem ghalihom u akkwistahom.

Lanqas ma hu minnu illi kien hemm qbil bejn il-partijiet rigward il-flat Navillus. Illi d-diskussjonijiet bejnithom kienu baqghu ghaddejjin sahansitra wara li l-Qorti tat is-sentenza. Illi dak iz-zmien huma kienu resqu qrib hafna. Jishaq ukoll illi l-garaxx fi Triq San Mikiel San Giljan ma jesax ghaxar karozzi kif indikat mill-Qorti fis-sentenza taghha u anke kien hemm zbalji fir-rigward id-djun b'dana illi mhuwiex minnu li hafna id-debiti bankarji huma mhallsa. Jirrileva illi hafna mill-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti, inkluz dawk fuq il-vetturi u l-flat numru 4, 20 Navillus Flats Triq Lapsi San Giljan, saru abbazi ta fatti li ma jezistux u li lanqas ma jirrizultaw mill-atti. Izid illi fir-rigward tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, minflok ma' martu qalet li kienu ghadhom qieghdin jitransigu, qalet illi ma ntlahaqx ftehim u

dakinhar stess il-Qorti qabdet u ghalqet il-provi tieghu minghajr ma gie infurmat u dan minkejja li l-avukati taghhhom kienu ghadhom qieghdin jinnegozjaw. Illi dan kollu baqa ghaddej sakemm spicca t-terminu li fih seta' jappella. Illi dan mhu xejn hlief qerq u martu qarrqet bil-Qorti tal-Familja u bih, meta baqghet ghaddejja bit-trattativi u d-diskussjonijiet meta kienet taf illi l-kawza kienet deciza.

**Dr Alexia Aquilina Assistant Registratur Qrati Civili xehdet nhar il-11 ta' Frar 2021 (vide 131 et seq)** u filwaqt li pprezentat id-dokument mmarkat DOK AA1, spjegat illi s-sistema tad-*digicourts,* fejn anke bdew jintbaghtu s-sentenzi b'mod eletroniku bdiet b'effett mit-**30 ta' Gunju 2020** fejn l-istaff wara li tinghata sentenza, is-sentenza tiddahhal fil-Lecam u tintbaghat by email lill-avukati li jkunu abbinati mal-kawza.

**In kontro-ezami,** ix-xhud tikkonferma illi is-sistema fejn wiehed jista jeccedi l-verbal online ilha tezisti mis-sena 2000 meta ddahlet is-sistema tal-Lecam u l-istess ghas-sentenzi li jigu ppublikati online.

**Stephen Cachia in rapprezentenza ta' Transport Malta xehed nhar il- 21 ta' Gunju 2021** u spejga illi huwa jokupa il-kariga ta' *administrator* gewwa Direttorat tat-Transport fuq l-art li jifforma parti mill-Awtorita tat-Transport f'Malta. Ix-xhud prezenta d-dokument Dok SC 1, li jindika l-vetturi prezentement registrati fuq MM, Dok SC2, li jindika l-vetturi li kienu fil-passat registrati fuq l-istess MM u hemm imnizzel bil-biro il-perjodu minn meta sa meta kienu hekk registrati fuq ismu, Dok SC3 dokument li juri li fil-prezent m'hemm l-ebda vettura li hija registrata fuq Mary Rita Mifusd detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 291459M. Di piu', Dok SC4 jindika illi lanqas fil-passat ma kien hemm vetturi registrati fuq isimha. Ix-xhud izid illi fil-prezent mir-ricerka illi huwa ghamel jirrizulta illi hemm Mandat fuq il-vetturi kollha ta' MM detentur tal-karta tal-identita u l-Mandat huwa l-Mandat ta' Sekwestru 1931/11. Jikkonferma ukoll illi ma jirrizultax illi xi wahda minn dawn il-vetturi huma klassifikati bhala *classic* jew *vintage*. Mistoqsi jekk jiftakarx illi kien xehed fil-proceduri ta' Prim Istanza, ix-xhud jindika illi huwa ma jiftakarx u jista jkun li dan huwa minnu. Mistoqsi jekk il-lista ta'vetturi indikata fis-sentenza tal-ewwel Qorti humiex l-istess, ix-xhud jindika illi huwa ma jafx jekk hux ser ikunu precisament l-istess mal-informazzjoni li huwa esebixxa seduta stante.

Ix-xhud jispjega illi fid-dokumenti mhejjija minnu huwa ghal kull vettura hemm imnizzel jekk hemmx multi, jekk hemmx licenzji b'lura etc etc. mistoqsi dar il-process tal-iscrappage, ix-

xhud jikkonferma illi f'dan il-kaz peress li hemm il-Mandat, l-iscrapage ma jistax jsir mal-awtorita, garaging jista' jsir imma *scraping* jew *transfer* taghhom ma jistghux isiru minhabba l-Mandat. Mistoqsi kemm irrid jghaddi zmien biex vettura tigi meqjusa bhala vintage, ix-xhud jispjega illi jridu jghaddu tletin sena, u ghandna timtela formula flimkien ma' xi 8 ritratti li trid tigi sottomessa mal-Awtorita u sussegwentement hemm Board apposta li jiddeciedi. Jikkonferma illi biex vettura tigi klassifikata *vintage* trid tigi approvata minn dan il-Board li huma maghmula minn nies esterni ghall-Awtorita. Ix-xhud izid illi ghalkemm hemm karozzi fil-listi prezentati minnu li ghandhom tletin sena jew aktar, **l-ebda wahda mhi klassifikata bhala vintage mal-Awtorita** u dana stante li l-fattur taz-zmien wahdu mhuwiex bizzejjed, izda jiddettermina meta wiehed jista japplika ghall-licenza ghall-karozza *vintage*. Jispecifika illi hemm numru ta' rekwiziti li jigu kkunsidrati sabiex jigi determinat jekk vettura tistax tigi klassifikata bhala *vintage*.

Ix-xhud jikkonferma illi dawna l-karozzi ma jistghux jinbieghu minhabba li hemm Mandat ta' Sekwestru li ghadu in vigore fuq dawna l-vetturi. Illi jekk dawn il-karozzi humiex vintage jew le huwa irrilevanti fejn jidhol bejgh li kieku m'hemm il-Mandat li ghadu in vigore. Ix-xhud jishaq illi m'hemm l-ebda vettura mill-vetturi li huma maqbuda bil-Mandat li giet *scrapped* mal-Awtorita. Illi dawk il-vetturi li fid-dokumentazzjoni minnu esebita huma indikati li gew *scrapped*, gew *scrapped* **qabel** il-hrug tal-mandat.

**Aldo Meli, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc xehed nhar it-13 ta' Lulju 2021 (vide fol 185A et seq)** u spjega illi l-propjeta li hija ipotekata hija garaxx bin-numru 7 Triq San Mikiel San Giljan, garaxx numru 6 Triq San Mikiel San Gilajn, hanut 115 Rudolph Street Sliema, garage Saint Rita Imsierah Street San Gwann u flat numru 4 Navirrus, 20 Lapsi Street San Giljan. Illil-ammont dovut sad-data tat-testimonjanza huwa dak ta' mitejn hamsa u hamsin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Ewro (Eur 255,848) piu spejjes legali fl-ammont ta' tlettax-il elf sitt mija u disghin Ewro (Eur 13,690). Ix-xhud jikkonferma illi f'Ottubru tas-sena 2019 id-dejn ma kienx imhallas. Ix-xhud jindika illi bhala depoziti, **f'Jannar ts-sena 2019 kien hemm depozitu fl-ammont ta' EUR 82,857 li kienu minn bejgh ta'propjeta**. Jispjega ukoll illi fis-sena 2014, is-sinjuri M kellhom bilanc mal-Bank ta xi 341,000 bejn wiehed u iehor u kien lahqu fi ftehim bejn *in full and final settlement,* kienu ser jistrasferixxu f'isem il-bank numru ta' propjetajiet. L-ewwel ftehim kien fis- 27 ta' Ottubru 2014 li kien ikopri 115, Rudolph Street u cioe il-hanut, *Silver hole Moroni Street, Panard Monori Street, u number 6 complex of ten located and basement, garages lapsi street.* Silverhole kien inbiegh u l-bank

kien ha d-depoziti. Illi l-istess gara ghal-propjeta bl-isem Panard fejn il-bank ha l-proceeds minnu. Illi gara pero illi minkejja li l-bank dejjem kien flessibbli fejn is-sinjuri sabu bejgh tal-propjetajiet li originarjament kienu intizi li jigu trasferiti f'isem il-bank, hames snin wara, dan il-ftehim qatt ma gie iffirmat u ormai il-bank ser jipprocedi b'subbasta ghall-bejgh tal-propjetajiet li fadal u li huma ipotekati.

**In kontro-ezami** mistoqsi minn mill-partijiet kien qieghed igib ostakli sabiex isir il-ftehim, ix-xhud jindika illi l-problemi kienu dejjem miz-zewg nahat. Kien il-bank li waqqaf il-ftehim ghaliex il-partijiet kienu jinghataw diversi dati u qatt ma jiffirmaw u hadd mill-partijiet ma kien jigi. Illi kienu jghidu lix-xhud illi ghaliex ma waslux fil-ftehim tas-separazzjoni, daqqa ghax ma qablux fuq l-ammont pero mhuwiex f'pozizjoni li jghid kienet is-sinjura jew is-sinjur. **Muri ittra datata 1 ta' Lulju, fejn is-sinjura kienet marret ghandu l-ufficju l-Imriehel, ffirmata, ix-xhud jikkonferma illi dan huwa minnu u kien is-sinjur li ma ffirmax is-*sanction letter*.** Illi din is-sanction letter kienet tirrigwarda l-propjeta 115 Rudolph Street Sliema liema parti kellha tigi trasferita lill-bank u dan ai termini tal-ftehim tas-sena 2020. Mistoqsi ukoll jekk hux minnu li s-**Sinjura kienet tmur l-ufficju tieghu u tkellmu u tghidlu li trid tasal, ix-xhud jikkonferma**. Mistoqsi jekk is-Sr MM qatt kienx gie jghidlu dan id-diskors, ix-xhud jindika illi sa fejn jaf hu **is-sinjur la qatt mar l-ufficju** u lanqas li ltaqa' mieghu u li kien jikkomunika mal-avukat tieghu.

**In ri ezami,** ix-xhud jikkonferma illi l-ammont indkat fis-sanction letter kienet facility ta' €6000 sabiex ikopri l-*capital gains* tax li kellha tithallas. Ix-xhud jispjega illi biex ikun hemm il-*full and final settlement*, peress li s-sinjuri kienu *strapped for cash*, kien hemm bzonn jaraw minn ser ihallas il-*capitals gains*, u ghalhekk saret is-*sanction letter* bhala parti mill-agreement biex jippruvaw jagevolaw dan il-ftehim tant li addiritura l-bank kienu qalu li jhallsu l-*capital gains* huma, imbaghad ihallsu lil-bnak bil-mod wara. Illi fl-ftehim baqa jigi emendat peress li n-numru ta' propjetajiet naqsu u allura naqas ukoll l-ammont dovut *f'capitals gains*. Ix-xhud jikkonferma illi the *main trust* f'dan l-*agreement* kien Dr Lia. Izid illi l-*agreements* ta' bejniethom qatt ma kellhom ghalfejn jinfluwenzaw l-*agreement* mal-bank, specjalment meta kienu tant flessibbli maghhom bhala bank – il bank dahal fis-sitwazzjoni tas-separazzjoni legali o meno ai fini ta' kif ser jigi *drafted* il-ftehim.

Illi recentement rega kien hemm korrispondenza izda regghu wehlu peress li gew infurmati illi wahda mill-partijiet talbet ritrattazzjoni. Ix-xhud jikkonferma illi l-avukat difensur tas-sinjur

kien kiteb lil bank fil-bidu tas-sena li kien hemm abbozz ta' ftehim ghas-separazzoni u li lesti jaslu ghall-*agreement.* Jikkonfemra ukoll illi l-bank kien talab li jikkonfermaw kollettivament li hemm qbil bejnithom. Illi minn naha tas-sinjura kienu qalulhom illi ma kienx hemm ftehim fuq is-separazzjoni u waqaf kollox.

**MRM xehdet nhar is-17 ta' Novembru 2021, (vide fol 198A et seq)** u rrilevat illi hija ma tafx ghalfejn qieghed jinghad li s-sentenza inghatat b'qerq, meta hi dejjem dehret il-Qorti u dejjem irrispondiet ghall-emails. Issostni li offrietlu l-flus izda MM ma riedhomx. Illi propju fir-rigward tal-arja, hi kienet accettat li jaghmlu valutazzjoni tal-arja ta fuq il-flat. Illi din l-arja hija maqsuma bejn hamsa u hi ghandha kwart. Illi din ma tistax tigi mibnija u kienet offrietlu ghoxrin elf. Illi zewgha ma kienx accettahom u ried li biex ihallilha l-arja kellha ittih bar zghir il-Gzira. Xehdet li hija kienet xtaqet li zzomm dan il-bar biex tikrih u jkollha *income* minnu biex tghix, u ghalhekk ma kienitx accettat. Wara li inqatghet is-sentenza kienet irceviet ittra minghand Dr Lia fejn kien infurmaha, illi zewgha kien lest li jiehu l-flus. Izid illi kienu ghamlu appuntament biex jidhru fuq tlett kuntratti izda kull darba MM kien iwaqqghu ghax jerga jibdielu. Kompliet tixhed li tul l-ahhar sena qabel l-ghoti tas-sentenza, kienet hi flimkien mal-avukata taghha li kienu jidhru l-Qorti.

Kemm ilhom il-Qorti bieghu hames propjetajiet biex jippruvaw jaqghtu d-dejn mal-bank. Zewgha kien jircievi l-ittra u ma kien jghidilha b'xejn u ghalkemm kienet tmur ghandil-Banek titlobhom *statement,* qatt ma tawha *statement.* Meta fl-ahhar tawha *bank statement,* kienet spiccat l-isptar kwazi bi *stroke*. Hi kienet minghaliha li hu kien qieghed ihallas imma l-flus li kien qieghdin idahhlu minn negozju kienu qieghdin jintefqu fi prostituzzjoni. Hi dejjem hadmet fil-hwienet kollha li kellu zewgha u gieli anke kien jibghatha tbiegh Ghawdex izda qatt ma kien jaghtiha hlas ghax-xoghol li taghmel. Hi ma kienitx tkun taf bil-propjetajiet li akkwista zewgha, anke peress li dak iz-zmien ir-ragel seta' jiffirma wahdu. Tinsisti illi issa kienet qieghda tmur il-bank sabiex tiffirma li hija lesta li jiehdu l-propjetajiet sabiex dawn jinbieghu u jithallas d-dejn.

Tishaq illi ghandu madwar disa' u tletin elf Ewro (€39,000) f'arretrati ta' manteniment u li kieku minnu li l-avukat ta' zewgha kienu imur wara kull seduta, kien ikun jaf li qorbot is-sentenza. Izid illi zewgha kellu diversi disprezzi.

**Riprodott nhar id 19 ta' Jannar 2022, in kontro-ezami MM (vide fol 233 et seq)** mistoqsi

jekk jafx jikteb u jaqra jindika illi  jaqra jaf imma ma tantx jaf jikteb. Mistoqsi fuq il-konsulenti legali li kellu qabel l-avukat difensur prezenti, jikkonferma dan u jikkonferma illi kull darba li kellu avukat gdid kien dejjem jippruvaw jaslu ghal separazzjoni barra l-Qorti. MM jaqbel illi pero dan il-ftehim qatt ma sar.

Mistoqsi ukoll jekk kienx jattendi ghas-seduti qabel ma inghatat is-sentenza, MM jirrileva illi **hu ma kien jircievi xejn u lanqas l-avukat tieghu**. Jinsisti illi fis-snin ta' qabel gieli kien ircieva karti mill-Qorti u meta kien ikollhom l-avukat tieghu dejjem qallu. Pero mument minnhom qatt ma kienu jircievu. Jikkonferma illi kienu qablu fuq kollox u kien baqa' biss l-arja tad-dar matrimomjali fejn jiftakar illi kien tqabbad perit ukoll. **Illi ghalkemm martu kienet offrietlu l-ghoxrin elf tal-arja xorta il-ftehim ma wasalx**. Huwa kien infurmat bil-korrispondenza li kien hemm bejn l-avukati. Mistoqsi jekk huwa accettax li jiehu l-ghoxrin elf wara li giet deciza l-kawza, **jishaq illi dan jista' jkun**. Jirrileva illi la hu u lanqas l-avukat tieghu ma kienu jafu li l-kawza giet deciza u **hu dejjem halla f'idejn l-avukat.** Fir-rigward i-dejn li hemm mal-bank, jikkonferma illi n-negozjati ilhom ghaddejjin snin u **l-intendiment kien li l-bank jiehu l-propjetajiet u f'dan ir-rigward kienu jinfurmaw lill-Qorti li waslu fi ftehim mal-bank.** Mistoqsi kemm il-hanut ghandu fil-prezent, jindika illi ghandu wiehed u li nehha l-iehor biex ha dan u qieghed jikrieh ghall-ammont ta' mitt Ewro (€100) fil-gimgha u li qieghed jircievi il-pensjoni. Jikkonferma illi l-propjetajiet in kwistjoni kollha inxtraw fiz-zwieg. Fir-rigward l-arretrati tal-manteniment, meta konfrontat bl-ammont ta' arretrati dovuti, jishaq illi l-ammont indikat jista' jkun li huwa dovut u li gieli martu kellha ttellghu l-Qorti biex ihallas. Jispjega illi martu kienet tmur darbtejn fix-xahar tbiegh il-gojjellerija u Ghawdex kienu jitilghu flimkien, gieli kien jibghatha l-Belt u ghad-deliveries kienet tmur Ta' Qali u jista' jkun li gieli wassalha huh. Jichad li martu kienet taghmel xi hjata ghall-girien u il-flus kienet tohodhom mis-*safe.*

**In kontro-ezami nhar it 18 ta'Mejju 2022 is-Sur MM (vide fol 247 et seq)** jinsisti illi kien hu li kien jaghmel ix-xoghol kollu marbut man-negozju. Mistoqsi rigward min kien imur jaghmel il-biegh, jispjega illi martu gieli marret. Muri l-kotba tal-invoices, jixhed illi ghalkemm hemm xi firma tieghu, il-kitba mhiex tieghu. Mistoqsi jekk dik il-kitba hiex ta' martu, jishaq illi jista' jkun li taghha. Jirrileva illi fil-hanut dejjem wahdu kien imma martu kienet tigi tghinu. Mistoqsi fuq jekk kienitx martu li kienet tmur fid-diversi postijiet indikati fl-invoices waqt li hu kien ikun il-hanut, jishaq illi jista' jkun. Mistoqsi jekk kienx ikun in kuntatt mal-avukat wara s-seduti, jixhed illi hu kien imur ghand l-avukat tieghu u meta kien

hemm xi haga dejjem qallu. Mistoqsi fuq il-kwistjoni tal-ghoxrin elf, jekk hu accettax li jiehu din is-somma wara li nqatghet is-sentenza, **MM jishaq illi la jista' jghid iva u lanqas le.**

**MRM, mistoqsija in kontro-ezami nhar it-3 ta' Awwissu 2022,** jekk tafx ghalfejn saru l-proceduri *de quo* tishaq illi il-proceduri ghal ritrattazzjoni saru minhabba li zewgha qieghed jghid li s-sentenza inghatat b'qerq u minhabba xi zbalji li hemm fis-sentenza, cioe' minhabba li l-*garage* gie indikat li jesa' 8 karozzi minflok 2, izda il-valur tal-*garage* kien gia gie stabbilit u baqa' l-istess. Kieku verament 8 *car garage*, kieku jiswa hafna aktar milli gie stmat mill-Perit. Mistoqsija jekk tafx illi l-Qorti kienet qalet fis-sentenza li d-dejn mal-bank gie saldat, hija tishaq illi hemm miktub illi jekk id-dejn mhux imhallas, il-valur tal-garage kien ser jaghmel tajjeb biex jithallas id dejn. Tirrileva illi apparti l-ammont dovut li effettivament kien naqas, qieghdin kull darba jizdiedu l-interessi kontra l-interessi peress li zewgha ma ffirmax il-ftehim li kien qieghed jigi negozjat mal-bank. Rigward il-vetturi u kif dawn gew klassifikati bhala vintage mill-Qorti, tispjega illi l-vetturi huma classic ghaliex ghandhom aktar minn tletin sena. Tiftakar ukoll illi biex dawn jigu klassifikati bhala tali, jehtieg illi jissodisfaw numru ta' kriterji. Izzid illi dawn il-karozzi meta tbieghom ikunu jisewew il-flus.

Mistoqsija rigward is-seduta tat-28 ta' Mejju 2019 tikkonferma illi dakinhar hija infurmat lill-Qorti illi t-trattattivi ma sehhewx. Mistoqsija jekk kienitx infurmat lil zewgha b'dan, hija tirrileva illi meta kienu baghtulhom email rigward l-€20,000 li ma kienx accetta, kienet qaltlu mela ser jibqghu ghaddejjin bil-Qorti. Xedhet li hi ma tkellmux lil zewgha, b'dana illi lilu zgur ma qaltlux u lanqas qatt ma kelmet lil avukat ta' zewgha ghaliex dak huwa l-avukat tieghu u mhux taghha. Izzid illi hi mhux suppost tmur tghid lil zewgha u l-avukat tieghu dak li qieghed jigri l-Qorti. Tiftakar illi wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza, kienet baqghet tintbaght korrispondenza bejn l-avukati rispettivi. Tinsisti illi huma kienu intbaghtu xi emails b'xi proposti, fejn hija kienet anke accettat li tinbiegh propjeta minnhom peress li kienu sabu il-bejgh ghaliha.

Gara illi zewgha beda jinsisti ghall-arja u minflok hi kienet offriet li taghtih EUR 20,000 izda hu ma kienx accetta. Wara li inghatat is-sentenza, meta mbagħad nfurmawhom li jrid isir il-qsim, ried li jiehu l-flus minflok l-arja. Illi ukoll tirrileva illi riduha ddawwar is-sentenza kollha għax bdew ibeżżawha li l-bank ser joħdilha kollox. Tikkonferma illi hija mhux qieghda tghix fil-flat imma qieghda tghix ma' missierha fid-dar tieghu gewwa l-Gzira ghaliex m'ghandhiex flus biex tirrangaha. Tishaq illi issa ilha hames snin diga tghix ma' missierha. Tispjega ukoll

illi maghhom kienet tghix iz-zija pero giet nieqsa ricentement u l-partner taghha li ilha mieghu mit-2018.

**In ri-ezami,** tibqa' tinsisti illi qabel is-sentenza zewgha ma riedhomx l-€20,000 u filfatt kien ried li jiehu l-Leli's Bar, meta dan kellha suppost tiehdu hi. Illi qabel il-kawza thalliet ghas-sentenza ma rridhomx il-flus u hi ma kienitx accettat li jiehu l-Leli's bar, peress hi rieditu biex tghix minnu.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara rikors intavolat mill-intimat MM fejn qieghed jitlob illi s-sentenza li kienet inghatat minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-8 ta' Ottubru 2019, tigi mhassra u konsegwentement dawk il-proceduri jigi ritrattati.

L-Istitut tar-Ritratazzjoni huwa regolat f'Titolu IV tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kawża ***Bugeja nomine vs Kummissjarju ta' l-Art*** deċiża mill-**Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar, 2002** intqal illi:

> ***"Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeġġjat dan il-karattru bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza loġika li r-regoli li jiggovernawh huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII-i-818, Vol XXVII-i-584 u XXII-I385). Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza."***

Gie ritenut ukoll illi:

> ***"l-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali bl-iskop li jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata miscarriage of justice u tinstab gustizzja sostanzjali ghall-partijiet."*** [1]

Illi l-Artiklu 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jistipula illi:

[1] Leonard Muscat et vs Onorevoli Prim Ministru deciza nhar il-31 ta' Lulju 2000.

> ***Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.***
> ***[enfasi ta din il-Qorti]***

Illi ghar-rigward il-gurisprudenza nostrali taghmilha cara illi:

> ***Non e ammissibile quando la sentenza puo'essere impugnanta col mezzo ordinario dell'appello. [Gauci vs Gauci et Prim Awla Qorti Civili 3.10.1895 [Vol XV.266]***
>
> ***Hu biss eccezzjonalment illi decizjonijiet moghtija fl-ewwel grad u li ghaddew in gudikat jistghu jigu ritrattati, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom tintalab ir-ritratazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell.***[2]
> ***[enfasi ta din il-Qorti]***

Illi f'***Joseph Cardona vs Maria Scicluna*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-5 ta' Ottubru 1994, il-Qorti tenniet illi:

> ***l-attur irid qabel xejn allura jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-fatti li dwarhom qed jitlob ir-ritrattazzjoni u li jgiddbu l-versjoni li nghatat lill-Qorti u li fuqhom iddeciediet il-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrazzjoni u li allura jirrendihom foloz sar jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien tal-appell.***
> ***[enfasi ta din il-Qorti]***

Illi ghalhekk huwa evidenti illi fil-kaz ta' decizjonijiet minn Qorti ta' Prim' Istanza l-ligi tirrikjedi tassattivament xi haga ohra u cioe li **r-ritrattant jehtieglu jiddemostra u jissodisfa ukoll bhala pre-kondizzjoni ghall-aditu tat-talba tieghu illi hu sar jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq it-talba tar-ritrattazzjoni wara li kien skorra z-zmiem ta' l-appell.**

Illi fir-rikors tieghu r-ritrattand jinvoka l-Artikolu 811(a) u (l) tal-Kap 12. Illi l-Artikolu 811 (a) jaqra:

---

[2] Joseph Cardona vs Maria Scicluna Prim Awla deciza nhar il-5 ta' Ottubru 1994.

***jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;***

Fil-kawza fl-ismijiet ***Carmel Borg vs. Henry Thake*** deciza fl-14 ta' Novembru 1997 intqal illi:

> ***"Is-subinciz (a) tal-Artiklu 811 ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni fil-kaz li jkun hemm frodi. Is-smigh mill-gdid jista' jigi akkordat biss jekk is-sentenza tkun ittiehdet b' qerq. Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu irrizultaw jew ma jkunux iridu jkunu relatati mal-meritu li ipprovoka l-vertenza u il gie trattat quddiem il-qrati u minnhom deciz, imma jridu jkunu irrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficcjata. Is-sub inciz jipprovdi ghal smigh mill-gdid fil-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehdet b' qerq u mhux fejn il-pretensjoni tal-attur fit-talba tkun ghal kreditu li origina minn agir allegatament delittwuz jew qarrieqi tal-konvenut. Il-qerq allura irid ikun qerq gudizzjarju, jigifieri inerenti mal-proceduri.***

Il-Qorti rat illi r-ritrattand jiccitta xi estratti mid-decisjoni tal-Qorti tal-Appell datat 9 ta' April 2014, fl-ismijiet ***Socjeta' Kummercjali Scicluna Enterprises (Gozo Limited) vs Michael Cini et.*** Illi din il-Qorti thossha obbligata ticcita l-konsiderazzjonijiet l-ohra maghmula mill-Qorti fid-decisjoni su indikata:

> ***"Ghall-finijiet ta' din il-kawzali jixraq jinghad li biex tirnexxi din il-kawzali, irid jintwera li l-qerq ma jkunx jirrizulta minn jew marbut mal-mertu li jkun diga' gie mistharreg fil-kawza li s-sentenza taghha jintalab li tithassar. <u>Il-qerq li ghalih jirreferi dan l-artikolu huwa qerq procedurali li l-parti ritrattata jintwera li wettqet bi hsara tal-parti ritrattanda li, minhabba fih, tkun tilfet il-kawza originali. Tali qerq irid jippruvah min jallegah.</u>***
> ***[enfasi ta din il-Qorti]***
>
> ***Minbarra dan, biex il-qerq procedurali jsejjes talba ghas-smigh mill-gdid ta' kawza, jehtieg li dak il-qerq irid ikun jikkonsisti f'raggiri jew atti frawdolenti li, minhabba fihom, il-parti l-ohra titqieghed fl-impossibilita' li tiddefendi ruhha fil-kawza kif imiss u minghajrhom il-kawza ma kienitx tinqata' kontra l-parti***

***mgarrba. Ghalhekk, fejn in-nuqqas ta' difiza jew tressiq xieraq tal-kaz tal-parti jkun gej mit-traskuragni ta' dik l-istess parti, ma jinghatax li l-kawza terga' tinstema' mill-gdid. Dan ghaliex "cio` che da` luogo alla ritrattazione e`, senza distinzione di persone, la difesa resa impossibile, ma non la omissione o l'insufficienza della difesa." Ghalhekk ukoll, mhux kull qerq jew ingann ta' parti f'kawza kontra l-parti l-ohra jaghti lok ghas-smigh mill-gdid ta' kawza***

***Fuq kollox, biex tghodd id-dispozizzjoni tal-artikolu 811(a) tal-Kodici, jehtieg li l-qerq procedurali mwettaq ikun determinanti biex il-parti l-ohra tkun tilfet il-kawza. Ghalhekk, fejn il-parti li bi hsara taghha jkun sar l-ghamil qarrieq setghet tintebah bih waqt il-kawza jew, minkejja li ntebhet b'dak l-ghamil, ma tkunx gibdet f'waqtha l-attenzjoni tal-Qorti, imbaghad m'huwiex moghti lil dik il-parti r-rimedju tas-smigh mill-gdid tal-kawza talli naqset milli tinqeda bl-ghodda procedurali li kellha ghad-dispozizzjoni taghha . Ghalhekk it-talba taghhom fir-rigward hija respinta".***

Fir-rigward l-gherq gie ukoll diversi dravi ribadit illi:

***"il dolo da ingresso al rimedio della ritrattazione solamente quando i raggiri usati da una delle parti sono stati tali che senza di esse l' altra parte non sarebbe stata condannata, e l' ommissione o la insufficienza di difesa non e` per alcuno una giusta causa di ritrattazione."*** [3]

Inghad ukoll illi:

***"mhux koncepibbli l-qerq naxxenti mill-fatt u cirkostanza li kienu ghal kollox noti lill-persuna li suppost giet imqarrqa u li kienet konsapevoli taghhom. Jekk imbaghad il-qerq jirrisjedi fil-fatt li xi Qorti giet sgwidata, allura wkoll ma jistax jissussisti l-qerq fit-termini ta' dan is-subinciz ghaliex ir-ritrattand kellu kull opportunita` u facilita` li jgib dan il-fatt li minnu issa qed jillamenta a konjizzjoni***

[3] Vide Kollez. Vol. XIV P III p 219; Vol. XXVIII P III p 1238.

***tal-Qorti fil-mument opportun u a tempo debito."*** [4]

Issokta jigi amplifikat ukoll illi

***"hija dottrina tradizzjonali illi jekk il-parti ma giebitx il-prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, izda ghan-negligenza taghha, ma tkunx tista' wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet in gudikat, tmur ghar-rimedju hekk straordinarju fil-procedura gudizzjarja."*** [5]

Ir-ritrattand ressaq ukoll ir-raguni kontemplata fl-artikolu 811 (l):

***Jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.***

***Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza***

Inghad illi:

***L-izball li ghalih tirreferi din id-dispozizzjoni jrid ikun wiehed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jaghraf smigh mill-gdid ta' kawza fuq din id-dispozizzjoni minn smigh mill-gdid ta' kawza taht il-paragrafu (e) tal-artikolu 811 li jirreferi ghal zball ta' ligi. Ghal dan il-ghan, l-izball ta' fatt li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni jrid ikun wiehed materjali, manifest u jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux imholli li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball. Minbarra dan, l-izball ma jridx ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-***

[4] Ersilia Calleja et -vs- Franky Gambin", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Novembru 1997;
[5] Vide Kollez. Vol. XXIX P I p 1468.

***gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan m'huwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant.*[6]**

Illi l-awtur **Mortara** f'dan is-sens jghid:

***"l' errore di fatto e' un vero errore dei sensi, il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste od ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell' intelletto sulle carte del processo."***

Illi fuq l-istess linja ta' hsieb inghad ukoll illi:

***In virtu ta' dan is-subinciz hemm lok ghar-ritrattazzjoni "jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza". Ta' massima importanza hu, imbaghad, l-proviso ta' dan l-istess subinciz li jiddisponi illi "ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza".*[7]**

Ibda biex, kif akkolt fis-sentenza riportata a Vol XXV pI p137, fuq l-insenjament tal-**Mattirolo** ("**Diritto Giudiziario Civile Italiana**", Vol IV, Numru 897) illi:

***"l'errore che puo` costituire motivo di ritrattazione dev'essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione, ed e necessario ancora che tale errore abbia determinato la decisione del giudice". Insenjament dan amplifikat sew fis-sentenza a Vol XXXVIII pI p323.***

[6] Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aqiulina, Appell Civili, 18 ta' April 1958.
[7] Alfred Delia vs Louis Apap Bologna deciza nhar id-19 ta' Mejju 2004.

> ***Gja f'sentenza anterjuri qabel din l-ahhar imsemmija kien intqal b'mod mill-aktar preciz illi "l'errore di fatto, perche possa aprire l'adito alla ritrattazione, deve risultare dagli atti e dai documenti della causa e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante del semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante, perche l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindacabile convincimento del giudice" (Kollez Vol XXVII pI p433).***

Il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet ***Anthony Aquilina v. Av. Anthony Henry Farrugia nomine (16 ta' Frar 2004)*** qalet li wahda mir-rekwiziti mehtiega biex tigi accettata r-ritrattazzjoni skont dan is-sub inciz, hija illi:

> ***"l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri li l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata." Dan l-insenjament jinsab ukoll f'sentenzi ohra fosthom Mifsud v. Zahra (Appell Civili, 18 ta' Gunju 1954), Dr Jose` Herrera nomine v. Tancred Tabone (Appell Civili 15 ta' Marzu 1996) u Michael Cutajar v. Robert Muscat (12 ta' Mejju 2003, Appell Inferjuri).***

Ta' relevanza wkoll hija l-osservazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet "***Giuseppe Luigi Bonnici –vs- Dottor Carlo Galea Naudi"***, Appell, 3 ta' April 1922 (Vol XXV pI p141):

> ***"Qui pero si e` in tema di ritrattazione, e tale rimedio non si da per qualunque caso di vera o supposta ingiustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle liti, poiche l'autorita` della cosa giudicata importa grandamente alla sicurezza civile".***

Illi d-decisjoni fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo vs Cachia Zammit Alexander*** deciza nhar it-23 ta' Ottubru 2009, il-Qorti in succinct gabret l-elementi essenzjali tal-izball ta' fatt kontemplat fl-artiklu 811(l) hekk kif ponderati fl-insenjamenti su citati:

***L-izball ta' fatt jippresupponi:***

***(1) Il-kuntrast bejn zewg rapprezentazzjonijiet diversi tal-istess oggett emergent l-wahda mis-sentenza u l-ohra mill-atti jew dokumenti processwali, basta li mill-banda l-wahda r-realta' dezumibbli mis-sentenza tkun frott ta' percezzjoni falza jew ta' zvista materjali, obbjettivament rilevabbli u mhux ukoll ta' valutazzjoni jew ta' gudizzju u mill-banda l-ohra, dak rizultanti mill-atti ma jkunx gie kontestat mill-parti.***

***(2) L-izball irid ikun essenzjali u deciziv. Dan fis-sens illi bejn il-percezzjoni errata tal-gudikant u l-pronunzjament tas-sentenza jrid jissussisti rapport kawzali tali li minghajr dak l-izball is-sentenza kienet tkun diversa. Anke f'dan il-kuntest jinsab osservat mill-Qorti tal-Appell sede Civili , illi "che l' errore si trovi in rapport di casualita' colla decisione, e che il-fatto non avesse gia format un punto controverso e decisive colla sentenza impugnata.***

***(3) Fi kliem iehor, b'rakkoljiment ta' dak li nghad:- (a) l-izball ta' fatt ghal liema jirreferi l-inciz (l) ta' l-Artikolu 811 irid jikkonsisti fl-affermazzjoni jew supposizzjoni ta' l-ezistenza, jew inezistenza, ta' fatt li l-verita` dwaru tirrizulta invece, u anke b'mod indiskutibbli, eskluza jew accertata in bazi ghall-atti jew id-dokumenti tal-kawza; u (b) l-izball irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant. Jigifieri, illi l-istess <u>zball ikun ikkostitwixxa l-fondament principali tas-sentenza;</u> Premess dan, jinghad, dejjem mill-Qorti ta' l-Appell, fl-ismijiet "Roger Ruggier -vs- Beatrice Pisani", 7 ta' Ottubru 1997 illi "biex il-Qorti tiddetermina jekk it-talba ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv setghetx jew le tkun gustifikata hu mehtieg li jigu verifikati l-premessi ta' fatt li fuqhom l-attur ibbaza t-talba tieghu f'din l-azzjoni. Dan ghaliex taht dan is-subinciz hu mehtieg li l-izball ikun wiehed dwar fatt li fuqu l-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha sew jekk il-Qorti tkun issoponiet li tali fatt verament kien ezista meta mill-atti u mid-dokumenti ma jkunx irrizulta, sew jekk issoponiet li l-fatt ma jkunx sehh meta tkun positivament mill-***

***atti jew mill-dokumenti jirrizulta li avvera ruhu";***
***[enfasi ta din il-Qorti]***

**Ikkonsidrat:**

Illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Dicembru 1980 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied li ormai huma maggiorenni. Illi mill-atti jirrizulta illi mart ir-rikorrenti, MRM kienet ipprocediet ghas-separazzjoni personali kontra zewgha permezz ta' **rikors datat 21 ta' Jannar 2008**. Illi fil-mori tal-proceduri, il-mara kienet talbet illi l-proceduri ta' separazzjoni jigu konvertiti f'proceduri ta' divorzju u dan ai termini tal-artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi permezz ta'sentenza datata 17 ta' April 2013, il-Qorti kif diversament preseduta kienet laqghet it-talba u ordnat illi l-proceduri jigu konvertiti fi proceduri ta' divorzju. Illi b'sentenza *in parte* datat 15 ta' Novembru 2017, l-Ewwel Qorti kienet ukoll tterminat il-komunjoni tal-akkwisti li dak kien iz-zmien kienet ghadha vigenti bejn il-partijiet.

Illi permezz **ta' sentenza tat-8 ta' Ottubru 2019**, il-Qorti tal-Familja kif diversament preseduta iddecidiet il-kawza billi:

***Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-***

***1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizi, ingurji u offizi gravi;***
***2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €600 kull erba' gimghat, flimkien mal-arretrati tal-manteniment msemmija aktar 'l fuq;***
***3. Tilqa' t-tielet talba in vista tal-adulterju kommess;***
***4. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lin-Nutar Dr. Clinton Bellizzi u l-kuraturi tat-turn, sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.***
***5. Tilqa' l-hames talba skond il-likwidazzjoni fuq imsemmija u assenjata kif hemm indikat;***
***6. Tilqa' s-sitt talba ghar-ragunijiet fuq imsemmija;***
***7. Tilqa' is-seba' talba; L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.***

Illi l-intimat hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u jidhirlu li hemm ragunijiet li jaghtu lok ghar-ritrattazzjoni taghha u dan a bazi ta' l-artikoli 811(a) u (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel xejn din il-Qorti sejra tikkonstata jekk l-intimat *qua* dik il-parti li qieghda titlob ir-ritrattazzjoni, ipprovax, ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, illi l-fatti li dwarhom qed jitlob ir-ritrattazzjoni u li jgiddbu l-versjoni li nghatat lill-Qorti u li fuqhom iddeciediet il-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrazzjoni u li allura jirrendihom foloz, sar jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien tal-appell u dana kif indikat fl-Artiklu 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minn harsa lejn dan l-artiklu jidher bic-car illi filwaqt illi ritrattazzjoni minn Qorti tal-Prim Istanza hija permissibbli, ir-ritrattand irid **bhala pre-rekwizit**, l-ewwel jipprova illi huwa sar jaf bil-fatti illi minħabba fihom qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni **wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.**

Illi gie rilevat illi:

> ***Dan l-artikolu huwa l-istess bhal art 829 ta' l-Ordinanza IX tal-1886. Il-gurisprudenza tghallem li l-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu u li "l-organizazzjoni ta' l-ordni guridika fl-istruttura taghna hija ta' zewg gradi – prim istanza u appell – mentri ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u polezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi, basta li fl-ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunu dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni (ara "Fenech vs Fenech" App. 21/2/96; "Xuereb noe vs Mamo et" App ; 27/10/00; "Mifsud Bonnici noe vs Scicluna noe" App 26/3/94; "Vella vs Galea" App mill-Bord 20/11/98 u sentenzi imsemmija; "Grech noe vs Bowman noe' App 7/10/97 li jdawwlu l-principju msemmi***.[8]

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet flimkien mal-avukati rispettivi taghhom kienu qieghdin jattentaw li jilhqu ftehim bonarju fil-mori tal-proceduri. Illi din it-transazzjoni kienet ilha tipprova tintlahaq sa minn stadju pjuttost bikri tal-proceduri bl-intervent ta' erba' avukati precedenti ta' MM. Dan il-ftehim bonarja ma ntlahaqx u l-intimat kien jibdel l-avukat tieghu u l-avukat il-gdid jerga' jaghmel tentattiv biex il-partijiet jaslu ghall-ftehim bonarju. Jidher illi

8

sa minn circa sena qabel ma inghat is-sentenza u cioe mill-11 ta' Ottubru 2018 l-avukati odjerni tal-partijiet kienu infurmaw lil Qorti tal-ewwel stanza dak iz-zmien illi kien hemm possibilita' ta' transazzjoni. Illi l-kawza filfatt kienet qieghda tigi differita kull darba. Illi l-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Mejju 2019 jaqra:

> ***Meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Tania Sammut.***
>
> ***Il-Qorti rat il-verbali tas-seduti precedenti. Peress illi, f'dawn l-ahhar seduti u cioe' mill-11 ta' Ottubru, sallum, il-konvenut qatt ma deher, ghall-ebda seduta, tiddikjara l-provi tal-partijiet maghluqa, thalli l-kawza ghas-sentenza, 8 ta' Ottubru 2019, fid-9:00am.***

Illi mill-atti jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda seduta ohra bejn dik tat-28 ta' Mejju 2019 u l-udjenza li fiha inghatat is-sentenza fit-8 t'Ottubru 2019. Illi mill-korrispondenza elettronika esebita mar-rikors promotur jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet kienu f'komunikazzjoni kemm qabel u anke wara li inghatat is-sentenza sabiex il-vertenzi ta' bejn il-partijiet jigu risolti permezz ta' ftehim. Illi l-partijiet xehdu diversi drabi quddiem din il-Qorti, b'dana illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li tikkontrasta l-versjonijiet opposti tal-partijiet u anke dik tal-avukati rispettivi taghhom. Filwaqt li ritrattand fix-xhieda tieghu jinsisti illi kemm hu kif ukoll l-avukat tieghu ma kienux konsapevoli tal-fatt illi l-proceduri kienu differiti ghas-sentenza ghaliex l-attrici baqghet tinnegozja maghhom, l-attrici tishaq kuntrarjament illi meta kienu baghtulhom offerta permezz ta' e-mail rigward l-€20,000 prezz tal-arja, ir-rittratand ma kienx accetta tali proposta, MRM kienet qaltilhom li ser jipprocedu bil-Qorti.

Jirrizulta illi huwa minnu li l-partijiet kienu ghadhom qeghdin jiskambjaw korrispondenza kemm qabel, u anke wara li nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti u cioe' fit-terminu ghall-appell.

Illi l-Qorti rat ukoll l-email datata 21 ta' Novembru 2019, mibghuta mill-avukat difensur tal-attrici lill-avukat difensur tar-rirattand u dana wara li s-sentenza in kwistjoni ghaddiet *in gudikat.* Filfatt huwa propju f'din l-email li hemm l-ewwel accenn ghas-sentenza fl-iskambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet. Illi din il-Qorti rat ukoll l-ittri legali skambjati mill-partijiet datati 29 ta' Novembru 2019 u 12 ta' Dicembru 2019.

Din il-Qorti rat ukoll il-verbali esebiti *a fol 205 et seq* tal-udjenzi quddiem din il-Qorti tal-Prim Istanza li jirrisalu ghas-sena 2015.

Din il-Qorti tinnota illi fil-verbal tal-udjenza tad-**29 ta' Novembru 2018**, il-Qorti tal-Ewwel Istanza, **kienet halliet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-probabli cessjoni ghat-12 ta' Frar 2019 b'dana illi jekk il-partijiet ma jaslux ghat-transazzjoni sa dakinhar, kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura in atti. Illi f'dik l-okkazzjoni il-Qorti kienet ordnat komunika lil Dr Alessandro Lia.** (*Vide fol 211 tal*-atti.) Illi mill-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Frar 2019 jirrizulta illi:

> ***Meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr Tania Sammut. Il-Qorti thalli l-kawza ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghas-26 ta' Marzu 2019, fid-9:00am.***

Illi sussegwentement fit-26 ta' Marzu 2019:

> ***Meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Tanya Sammut. Kawza differita ghat-28 ta' Mejju 2019, fid-9:00am.***

Illi fit-28 ta' Mejju 2019:

> ***Meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Tania Sammut. Il-Qorti rat il-verbali tas-seduti precedenti. Peress illi, f'dawn l-ahhar seduti u cioe' mill-11 ta' Ottubru, sallum, il-konvenut qatt ma deher, ghall-ebda seduta, tiddikjara l-provi tal-partijiet maghluqa, thalli l-kawza ghas-sentenza, 8 ta' Ottubru 2019, fid-9:00am.***

Illil-Qorti tosserva illi bejn l-udjenza tad-**29 ta' Novembru 2018**, fejn il-Qorti, kienet wissiet li halliet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-probabbli cessjoni ghat-12 ta' Frar 2019 b'dana illi jekk il-partijiet ma jaslux ghat-transazzjoni sa dakinhar, kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura in atti u l-udjenza tat-28 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-8 ta' Ottubru 2019**, kien hemm zewg seduti ohra, fejn ir-ritrattand ma deherx.** Dan jfisser li l-ewwel Qorti akkordat zewg opportunitajiet ulterjuri sabiex jiehu konjizzjoni tal-proceduri.

Dan ifisser illi l-ewwel Qorti wara li wissiet lill-intimat illi kienet ser taakkorda l-ahhar opportunita biex il-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju u fin-nuqqas tiddikjara maghluqa l-provi tal-partijiet u dan b'kommunika lill-avukat difensur ta' MM, dik il-Qorti akkordat lill-intimat zewg seduti konsekuttivi u ulterjuri biex jintlahaq tali ftehim. Eppure l-intimat baqa' ma deherx. Lanqas ma jista' jinghad illi wara l-gheluq tal-provi tal-intimat, il-Qorti kienet pronta biex tippronunzja s-sentenza f'qasir zmien. L-atti processwali juru li l-Ewwel Qorti halliet trapass ta' erba' (4) xhur qabel ma ppronunzjat is-sentenza taghha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi **dan kollu gara minhabba non-kuranza, negligenza u traskuraggni tar-ritrattand.** Il-Qorti taghraf illi kien hemm xhur bejn is-seduta tat-28 ta' Mejju 2019 u dik tat-8 ta' Ottubru 2019, fejn ir-ritrattand seta' facilment jindaga mill-verbali u mill-atti tal-kawza jew isaqsi fir-Registru tal-Qorti Prim Awla, Sezzjoni Familja. Illi li kieku r-ritrattand ha dan il-minimu ta' interess, is-sitwazzjoni setghet facilment tigi rimedjata.

Illi l-gurisprudenza hija cara f'dan ir-rigward u a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti sejra terga' ticcita is-sentenzi relattivi:

> ***"Nella trattazione della causa non si e' preteso che la sentenza fosse stata data in un giorno nel quale la causa non fosse stata messa sulla lista delle cause di quella seduta. Pertanto gli attori dovevano almeno verificare che cosa fosse divenuto della causa ed abrebbero potuto facilmente verificare che la sentenza era stata data in tempo utile per la interposizione dell'appello".*** [9]
>
> ***"Ghalhekk, fejn in-nuqqas ta' difiza jew tressiq xieraq tal-kaz tal-parti jkun gej mit-traskuragni ta' dik l-istess parti, ma jinghatax li l-kawza terga' tinstema' mill-gdid*** [10]***…***
>
> ***Ghalhekk, fejn il-parti li bi hsara taghha jkun sar l-ghamil qarrieq setghet tintebah bih waqt il-kawza jew, minkejja li ntebhet b'dak l-ghamil, ma tkunx gibdet***

---

[9] Attilio Crescuoli noe -vs- Negoziante Salvatore Zammit, Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Frar, 1920 a Vol XXIV pIII p780- Effettivament f'din is-sentenza l-Qorti ghaddiet biex teskludi t-talba ghar-ritrattazzjoni fuq il-motiv tan-non kuranza tal-atturi.[9]"

[10] Enfasi tal-Qorti.

***f'waqtha l-attenzjoni tal-Qorti, imbaghad m'huwiex moghti lil dik il-parti r-rimedju tas-smigh mill-qdid tal-kawza talli naqset milli tinqeda bl-ghodda procedurali li kellha ghad-dispozizzjoni taghha .** Ghalhekk it-talba taghhom fir-rigward hija respinta".*[11]

***"Jekk imbaghad il-qerq jirrisjedi fil-fatt li xi Qorti giet sgwidata, allura wkoll ma jistax jissussisti l-qerq fit-termini ta' dan is-subinciz ghaliex ir-ritrattand kellu kull opportunita` u facilita` li jgib dan il-fatt li minnu issa qed jillamenta a konjizzjoni tal-Qorti fil-mument opportun u a tempo debito" - "Ersilia Calleja et -vs- Franky Gambin", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Novembru 1997;"***

***"hija dottrina tradizzjonali illi jekk il-parti ma giebitx il-prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, izda ghan-negligenza taghha, ma tkunx tista' wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet in gudikat, tmur ghar-rimedju hekk straordinarju fil-procedura gudizzjarja." (Kollez. Vol. XXIX P I p 1468);"***

Illi din il-Qorti fid-dawl ta' dak stipulat fl-artiklu 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Gurisprudenza fuq citata, ma tista qatt tippremja lil parti li kellha dritt ta' appell li ma ghamilx uzu minnha ghaliex ma segwiex il-kawza tieghu stess. Illi din il-Qorti ticcita sentenza tal-**Imhallef Dr. Philip Sciberras** fl-ismijiet ***Saviour Cilia et vs Gasan Insurance Agency Ltd et*** deciza nhar is- 6 ta' Ottubru 2004, fejn il-Qorti tal-Appell kif preseduta tenniet minghajr tlaqliq illi:

***Huwa jikkontendi illi n-notifika tal-proceduri ma tammontax ghan-notifika tas-sentenza. Dan huwa veru izda b'daqshekk m'ghandux ukoll ifisser illi hu ma kienx jaf bis-sentenza ghax hu messu kien jaf biha kieku ndenja ruhu jidher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba jew ghallanqas li jsegwi l-perkors taghha. Certament, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ma jistghax jippretendi li ghall-inerzja tieghu ghandu jigi premjat bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Proprju ghax straordinarju dan ir-rimedju, ma jidherx li hu miftuh lil kull min jommetti d-difiza jew ihalli l-kawza tigi deciza u tterminu ta' l-appell jiddekorri biex imbaghad jirrikorri ghall-istess rimedju.***

[11] Qorti tal-Appell datat 9 ta' April 2014, fl-ismijiet Socjeta' Kummercjali Scicluna Enterprises (Gozo Limited) vs Michael Cini et.

> ***Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "Attilio Crescuoli noe -vs- Negte Salvatore Zammit", Qorti Kummerc, 21 ta' Frar 1920 (Vol XXIV pIII p780), "gli attori doveano almeno verificare che cosa fosse divenuto della causa ed avrebbero potuto facilmente verificare che la sentenza era stata data in tempo utile per la interposizione dell'appello. Gli attori non pretendono che i fatti dai quali a loro giudizio, risultano i motivi per la ritrattazione siano venuti a loro cognizione dopo il decorrimento del termine per l'appello, ma bensi di non essersi curati di verificare, in tempo utile, che cosa fosse divenuto della causa e di essere venuti in cognizione della sentenza, dopo trascorso il termine per l'appello"***

Illi dawn l-insenjamenti, indubjament isibu applikazzjoni piena ghall-proceduri *de quo.* Illi din il-Qorti tqis li kien hemm negligenza konsiderevoli da parti tar-ritrattand personalment tul il-mori tal-proceduri quddiem il-Prim Istanza, u anki taghraf illi jipprova jaddossa din in-negligenza fuq l-avukat difensur tieghu. Illi din il-Qorti ma tista qatt tipremja lill-konvenut billi tilqa' tali talba meta kellhu dritt ta' appell u propju minhabba n-negligenza tieghu ma utilizzax dan id-dritt ghaliex ghazel li ma jsegwiex il-kawza. Illi ghalhekk u ai termini tal-artiklu 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta, it-talba tar-ritrattand mhiex amissibbli.

**Illi ghalhekk u fid-dawl tal-insenjamenti su-citati din il-Qorti tiddikjara it-talbiet respinti stante illi l-proceduri de quo huma proceduralment inammissibli.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tar-ritrattand.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**